Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell Civili numru:- 10/2014

**Fil-kwistjoni tax-xoghol numru 2949 bejn:**

**Antonella Mamo** **(appellata)**

**vs**

**Office Group Ltd (C-39197)** **(appellanti)**

7 ta' Ottubru 2016

## Il-Qorti,

Rat ir-rikors[1] u l-istqarrija tal-kaz[2] ta' Antonella Mamo quddiem it-Tribunal Industrijali permezz ta' liema ppremettiet illi (i) hija kienet ingaggata mis-socjeta' ntimata bhala *Assistant to the Director* f'Lulju 2008 fejn kienet tassisti lid-Direttur Robert Micallef minghajr problemi; (ii) *circa* mill-bidu tas-sena 2010, id-Direttur Manigerjali Anthony Micallef, kien juriha li ma kellux pjacir biha; (iii) f'April 2011, Robert Micallef telaq minn mas-socjeta' ntimata wara dizgwid ma' Anthony, li jigi missieru u sid il-Kumpanija u kien minn hemm li bdew jizdiedu l-problemi ghar-rikorrenti; (iv) Larry Duca kien qed jaqbad maghha u kien hemm diversi akkuzi u mizuri fil-konfront taghha li kienu minghajr bazi; (v) wara li telaq id-Direttur Robert Micallef bdiet taghmel xoghol iehor, izda d-diffikultajiet baqghu hemm u eventwalment giet dikjarata *redundant* fis-7 ta' Lulju 2011, pass illi fic-cirkustanzi hija thoss li ma kien xejn hlief mezz biex jehilsu minnha; (vi) Fi kwalunkwe kaz, l-intimati jridu juru li kien hemm cirkustanzi li jiggustifikaw "redundancy" kif ukoll illi r-rikorrenti kienet tintlaqat ai termini tal-ligi. Hija talbet lit-Tribunal sabiex jiddikjara illi t-terminazzjoni tal-impjieg taghha tikkostitwixxi tkeccija ngusta skont il-ligi u wara jiffissa kumpens xieraq u jordna l-hlas tieghu mis-socjeta' ntimata lir-rikorrenti.

Rat ir-risposta tas-socjeta' ntimata[3] permezz ta' liema gie eccepiet li (i) r-rikorrenti kienet giet impjegata mas-socjeta' fuq bazi ta' kuntratt ta' servizz indefenit b'effett mis-16 ta' Gunju 2008, bhala *Assistant to the Director*. Id-Direttur in kwistjoni kien is-Sur Robert Micallef, illi kien huwa stess li kien baghtilha il-*Letter of Appointment* fit-30 ta' Mejju 2008; (ii) wara li Robert

[1] Fol 1 .

[2] Fol 19.

[3] Fol 5 et seq.

Micallef fil-15 ta' April 2011 kien kiteb lis-socjeta' sabiex javzaha illi huwa kien ser jieqaf mill-impjieg, huwa tnehha minn Direttur b'effett mit-30 ta' Mejju 2011; (iii) b'konsegwenza diretta ta' dan il-pozizzjoni tar-rikorrenti bhala *Assistant to the Director* giet *redundant*; (iv) ghalhekk il-kaz ma huwiex wiehed ta' tkeccija mill-impieg, gusta jew ingusta, izda huwa kaz semplici ta' *redundancy* skont il-ligi, u billi ma gie inkarigat l-ebda Direttur iehor wara t-tnehhija mill-inkarigu ta' Robert Micallef, wisq anqas xi Direttur iehor illi kellu xi htiega ghal xi assistant, ir-rikorrenti giet dikjarata *redundant*; (v) ir-rikorrenti thallset dak kollu li kien dovut lilha skont il-ligi sa dakinhar li giet tterminat l-impjieg taghha fuq bazi ta' *redundancy* .

Rat id-decizjoni tat-Tribunal li ddecidiet hekk:

*"Wara li t-Tribunal Industrijali ra u kkunsidra li statements of case tal-partijiet, semgha u evalwa l-evidenza tax-xhieda prodotti, ra u kkunsidra d-dokumenti esebiti u pprezentati, ra u kkunsidra s-sottomissjonijiet finali u dawk addizzjonali tal-partijiet isib u jasal ghal konkluzjoni, li t-terminazzjoni ta' l-impieg kienet wahda ingusta. Ghaldaqstant, dan it-Tribunal Industrijali jiddeciedi, li filwaqt li r-rikorrenti m'ghandhix tinghata l-impieg lura, hija ghandha tigi moghtija kumpens mis-socjeta' ta' €4,000 (erbat elef euro) liema kumpens ghandu jithallas mis-socjeta' lir-rikorrenti fi zmien hmistax il-gurnata mid-data ta' din id-Decizjoni."*

Is-socjeta' ntimata appellat minn din id-decizjoni. Ir-rikorrenti wiegbet u ressqet ukoll appell incidentali[4]. Waqt is-seduta tal-24 ta' Gunju 2016[5] dehru l-partijiet assistiti mid-difensuri taghhom u saret trattazzjoni.

Il-Qorti rat l-atti.

Ir-rikorrenti appellata tissolleva l-pregudizzjali li l-appell principali hu null peress illi ma hemmx il-partikolaritajiet preskritti, cioe' numru tal-Karta tal-identita' tal-appellata. Il-Qorti izda tqis li dan in-nuqqas ma' jgib mieghu ebda nullita'. Ma hemm ebda dubju li mill-okkju u mill-kontenut tar-rikors innifsu r-rikorrenti hija ben identifikabbli tant li hi stess rrispondiet ghall-aggravji mressqa fir-risposta taghha.

**<u>L-appell tas-socjeta' ntimata.</u>**

L-ilment huwa li t-Tribunal wettaq interpretazzjoni u applikazzjoni hazina tal-ligi meta kkonkluda li t-tkeccija tar-rikorrenti kienet wahda ngusta. Ghalkemm it-Tribunal kien accetta u kkunsidra l-argument taghha waqt it-trattazzjoni finali fis-sens illi nonostante li dan kien kaz ta' *redundancy* pero' anke jekk le, xorta s-socjeta' llum appellanti kellha kawza gusta sabiex tittermina l-impjieg tal-appellanta fuq bazi dixxiplinarja, it-Tribunal ikkonkluda li tali ragunijiet ohra ma kinux validi biex is-socjeta' appellanti tiddikjara t-terminazzjoni tal-impjieg tal-appellata. Fil-fehma tas-socjeta' appellanti, din il-konkluzjoni hija afflitta minn zball ta' ligi il-ghaliex ma hemm ebda rekwizit fil-ligi li jorbot il-validita' o meno ta' twissija moghtija mill-principal mal-obbligu tal-ghoti ta' opportunita' xierqa lill-impjegat li jiddefendi ruhu b'mod xieraq minn akkuzi migjuba kontrih. Anke li kieku dan ir-rekwizit kien jezisti, l-impjegat f'kull

[4] Fol 9 et seq

[5] Fol 20

kaz ghandu c-cans li jimpunja t-twissija quddiem it-Tribunal Industrijali, haga li ma saritx mill-appellata. Il-Kap 452 ma jipprovdix dwar twissijiet u ghalhekk la jezigi li tinghata xi twissija qabel terminazzjoni ta' mpjieg u wisq anqas tistipula rekwiziti *ad validitatem* ghalihom. Bhala fatt ukoll it-Tribunal sab li nghataw twissijiet lill-appellanta u ma sabx li dawn ma kinux meritati anke jekk xorta skartahom meta kkonkluda erroneament li dawn kienu nvalidi.

Jigi qabel xejn sottolineat il-fatt li skont is-subinciz (3) tal-artikolu 82 tal-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta) fil-kazi ta' tkeccija minghajr kawza gusta ikun hemm dritt ta' appell biss fuq punt ta' ligi. Gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fil-kaz **Kenneth Vella vs Seabank Catering Co. Ltd** deciza fit-23 ta' Mejju 2008[6] li:

*"Hu principju ripetutament affermat minn din il-Qorti illi l-punt ta' ligi li jirrendi ammissibbli l-impunjattiva tas-sentenza moghtija mit-Tribunal adit, jew, del resto wkoll, minn tribunali jew bordijiet ohra fejn id-dritt ta' l-appell hu hekk limitat ghal "punt ta' ligi", irid ikun dak ta' vjolazzjoni jew ta' applikazzjoni falza tal-punt ta' dritt. Fi kliem iehor, l-aggravju jrid jippostula sew l-allegazzjoni esplicita tal-punt ta' dritt applikat fir-rigward ta' l-elementi tal-provi accertati,.....".*

Ir-rikorrenti targumenta li l-appell ma jitrattax punt ta' dritt izda l-*finding of fact* tat-Tribunal. Il-Qorti ma taqbilx. Fis-sustanza tieghu, l-appell iqajjem punti ta' dritt li jolqtu l-validita' o meno tal-ghoti ta' twissija skont il-ligi u ghalhekk huwa ammissibbli.

Fil-kaz in ezami r-raguni ufficjali ghat-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrenti moghtija mis-socjeta' appellanti kemm lir-rikorrenti[7] kif ukoll lill-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig[8] hi ta' *redundancy*. Waqt is-sottomissjonijiet finali, l-intimata argumentat ukoll li f'kull kaz, kellha raguni valida biex tittermina l-impieg tar-rikorrenti fuq bazi ta' dixxiplina. Difiza li m'hijiex kompatibbli ma' dik ta' redundancy. Fit-twegiba li l-intimata pprezentat fit-Tribunal Industrijali, qalet li l-kaz in ezami ma kienx, *".... **Wiehed ta' tkeccija mill-impieg, gusta jew ingusta, izda huwa kaz semplici ta' redundancy skond il-ligi;** u billi ma gie nkarigat l-ebda direttur iehor wara t-tnehhija mill-inkarigu tal-imsemmi Robert Micallef, wisq anqas ta' xi direttur iehor illi kellu xi htiega ghal xi assistant; u skond ma jidher mill-ahhar Payslip relattiv datat 15 ta' Lulju 2011 ir-rikorrent thallset dak kollu illi kien lilha dovut skond il-ligi sa dakinhar illi kien gie tterminat l-impieg taghha fuq bazi ta' redundancy skond kif fuq premess."*[9] Fil-bidu tal-proceduri l-intimata ghazlet il-linja ta' difiza. Anthony Micallef, direttura tas-socjeta intimate stess, xehed li l-impieg tar-rikorrenti gie tterminat minhabba redundancy wara li ibnu Robert Micallef ma komplix jahdem mal-kumpannija[10]. Dan apparti li gialadarba redundancy u

---

[6] Appell Inferjuri Nru 38/2007.

[7] Fol 60 u 61.

[8] Fol 15.

[9] Fol. 5-6.

[10] Fol. 22-24.

tkeccija ingusta (*unfair dismissal*) m'humiex kompatibbli ma' xulxin, l-intimata ma tistax targumenta li kellha kawza gusta sabiex tittermina l-impieg tar-rikorrenti minhabba dixxiplina. Meta l-intimata ddikjarat li r-raguni ghat-terminazzjoni tal-impieg kienet *redundancy*, hi stess eskludiet li r-rikorrenti tkecciet minhabba raguni ta' dixxiplina. Kieku kien mod iehor ma kinitx ser thallas notice money lir-rikorrenti sal-5 ta' Awissu 2011[11].

Fil-fehma tal-qorti it-Tribunal Industrijali ma kellux ghalfejn jistharreg ukoll jekk "*....ir-rikorrenti kellha bizzejjed kazijiet ta' dixxiplina biex l-impieg taghha jigi mitmum fuq bazi dixxiplinarja.*"[12] Ezercizzju li sar bla bzonn gialadarba l-intimata sostniet li tterminat l-impieg tar-rikorrenti minhabba *redundancy*.

Bhala fatt ir-rikorrenti giet dikjarata *redundant* hekk kif dahlet lura ghax-xoghol wara incident li sehh fil-kumpanija u li ghalih hija, flimkien ma' impjegati ohra, kienet giet sospiza ghal jumejn mix-xoghol fuq suspett li hija jew min minnhom kienu ghaddew xi nformazzjoni lil Robert Micallef dwar sgass li sar fl-ufficcju li kien juza meta kien jahdem mal-intimata[13]. Dan minghajr ma kien hemm ebda prova kontriha jew kontra l-persuni l-ohra nvoluti. Fl-isfond ta' **dan l-incident**, it-Tribunal kien tal-fehma li r-raguni ta' sensja moghtija mis-socjeta' appellanti ma kinitx wahda genwina ghax giet bazata fuq ragunijiet ohra li ma kellhomx validita' biex is-socjeta' tiddikjara t-terminazzjoni tal-impjieg taghha. Mill-provi rrizulta wkoll li:

i. Fis-16 ta' Gunju 2008 ir-rikorrenti bdiet tahdem mal-intimata bhala *Assistant to Director*.

ii. Fit-30 ta' Mejju 2011 Robert Micallef tnehha minn direttur tal-kumpannija. Jidher li kien matul April 2011 li ma komplix jahdem mal-kumpannija.

iii. Fis-7 ta' Lulju 2011, l-intimata tterminat l-impieg tar-rikorrenti. Ir-raguni li tat kienet *redundancy*.

Fuq bazi ta' probabilta' jekk ir-raguni li tat l-intimata kienet genwina, l-impieg tar-rikorrenti kien jigi tterminat minnufih hekk kif Robert Micallef ma baqax jahdem mal-intimata. Dan apparti li mill-provi rrizulta wkoll li d-dmirijiet tar-rikorrenti kienu ferm iktar minn dawk ta' Assistant to Director[14].

L-appell tal-intimata hu bazat fuq l-argument li sar <u>waqt it-trattazzjoni quddiem it-Tribunal</u>[15] u cioe' li a bazi ta' twissijiet li nghatat mill-ex Manager tal-kumpanija Lawrence Duca[16], xorta wahda kien hemm kawza gusta ghal terminazzjoni ta' mpjieg fuq bazi ta' dixxiplina. M'huwiex

[11] Ghallinqas hekk iddikjarat li ghamlet (ara Dok. OGL-6 a fol. 15).

[12] Fol. 4 tad-decizjoni tat-Tribunal.

[13] Fol 59 et seq.

[14] Ara per ezempju deposizzjoni ta' Robert Micallef u Lawrence Duca.

[15] Fol 129 et seq.

[16] Fol. 119 et seq.

kompitu ta' din il-Qorti li tidhol f'aspetti ta' fatt analizzati mit-Tribunal. Izda sabiex jigi evalwat il-mertu ta' dan l-appell il-Qorti tosserva li s-socjeta' llum appellanti prezentat in atti 3 twissijiet u *termination letter* li kiteb Lawrence Duca. Jirrizulta li tnejn minnhom effettivament inghataw lir-rikorrenti[17], u twissja ohra u ittra ta' terminazzjoni gew abbozzati izda ma nghatawlhiex[18]. Wara skambju ta' korrispondenza bejn il-partijiet[19], is-socjeta' appellanti nsistiet li l-kawza kellha tibqa' dwar tkeccija fuq bazi ta' *redundancy* izda l-iskop tal-prezentata tad-dokumenti kienet sabiex tigi attakkata l-kredibilita' tax-xhud Larry Duca imressaq mir-rikorrenti stess.

Dwar dan l-aspett it-Tribunal qal hekk:

*"It-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, id-dikjarazzjoni li ghamlet is-socjeta' waqt il-process tal-kaz dak li; jekk l-impieg taghha ma kienx se jigi tterminat fuq bazi ta' redundancy, kien hemm ragunijiet ohra dixxiplinarji li kienu validi biex jigi tterminat l-impieg taghha. Dan it-Tribunal Industrijali meta jikkunsidra din l-istqarrija tas-socjeta' jsib, li ma kienx hemm ragunijiet validi li l-impieg tar-rikorrenti jigi tterminat fuq bazi dixxiplinarji. It-Tribunal Industrijali hu ta' din il-fehema ghar-raguni, li meta gie tterminat l-impieg tar-rikorrenti ma kienx hemm ghas-smigh kazijiet dixxiplinarji pendenti fil-konfront tar-rikorrenti. Anzi aktar minn hekk, meta it-Tribunal Industrijali jezamina t-twissijiet tal-kazijiet li giet moghtija r-rikorrenti fil-passat, kienu twissijiet invalidi u dan ghar-raguni li giet iddixxiplinata minghajr ma giet moghtija l-opportunita xierqa li tiddefendi b'mod xieraq l-akkuzi fil-konfront taghha."*

Il-qorti tara ferm stramb kif l-intimata ma kkonfrontatx lix-xhud Lawrence Duca li xehed, *"... as far as I am concerned Antonella did an excellent job and probably the best I've seen."*[20], u dan b'riferenza ghad-dokumenti li pprezentat[21]. Hu evidenti li f'dan il-kaz l-intimata ghazlet li tiehu cans billi pprezentat biss id-dokumenti. Pero' dawk id-dokumenti m'humiex prova tal-kontenut taghhom. Lanqas Anthony Micallef ma xehed li kien hemm nuqqasijiet min-naha tar-rikorrenti. L-ittri ta' twissija m'huma xejn ghajr il-verzjoni tal-intimata ta' episodji li ma tressqu ebda provi ohra dwarhom. Jirrizulta wkoll li l-ahhar twissija li nghatat lir-rikorrenti hi datata 31 ta' Mejju 2011 u l-abbozz tal-ittra ta' tkeccija li qatt ma nghatat lir-rikorrenti, ghandha d-data tal-1 ta' Gunju 2011. Pero' rrizulta wkoll li l-impieg tar-rikorrenti gie tterminat fis-7 ta' Lulju 2011. Tenut kont it-trapass taz-zmien, hu evidenti li l-intimata stess ma qisitx li kien hemm ragunijiet li jimmeritaw tkeccija fuq bazi ta' dixxiplina. Ladarba mill-agir tal-intimata hu evidenti li rragunat li ma kienx hemm bazi ta' tkeccija minhabba raguni ta' dixxiplina, l-intimata ma tistax tippretendi li t-Tribunal kellu jikkonkludi li t-tkeccija kienet gusta. Kull kumment iehor ikun superfluwu.

L-appell hu michud.

---

[17] Dok KFD 2 u Dok KFD 3.

[18] Dok KFD 1 u Dok KFD 4.

[19] Fol 126 u 127.

[20] Fol. 105.

[21] Ara nota a fol. 119.

**L-appell incidentali tar-rikorrenti.**

L-ilment tar-rikorrenti hu li l-kumpens akkordat mit-Tribunal m'huwiex konfermi mal-Kap 452 ghaliex ma ttiehdux in konsiderazzjoni: (i) 'l fatt li damet bla xoghol ghal madwar sena meta fl-impjieg kellha circa €1,400 fix-xahar paga; (ii) l-agir "inaccettabbli" tas-socjeta' appellanti fil-konfront taghha.

L-artikolu 81(2) tal-Kap 452 jipprovdi:-

*"(a) f'każi ta' tkeċċija mingħajr kawża ġusta, jekk ma jkunx hemm talba speċifika biex jerġa' jidħol fl-impieg jew jerġa' jiġi impjegat, jew it-Tribunal jiddeċiedi li ma għandux jagħmel ordni biex jerġa' jidħol fl-impjieg jew jerġa' jiġi impjegat kif inqal qabel, it-Tribunal għandu jaghti sentenza ta' kumpens, li għandha titħallas mill-prinċipal lil min jagħmel l-ilment, rigward it-tkeċċija:*

*Iżda, meta jistabbilixxi l-ammont ta' dak il-kumpens it-Tribunal għandu jqis id-danni reali u telfien li jkun bata l-ħaddiem li jkun ġie imkeċċi mingħajr kawża ġusta kif ukoll ċirkostanzi oħra, inklużi l-età u s-snajja tal-ħaddiem li jistgħu jaffetwaw il-potenzjal tal-impieg ta' dak il-haddiem."*

Dwar hlas ta' kumpens f'kaz ta' tkeccija ngusta mill-impieg, din il-qorti osservat hekk fil-kaz **Peter Spiteri vs Xuereb Glass Co. Ltd** deciz fl-10 t'Ottubru 2005[22] -

*"Ibda biex il-ligi specjali applikabbli ma tipprovdi mkien regoli fissi dwar l-ammont tal-kumpens. Tillimita ruhha fil-proviso ta' l-Artikolu 81 (2) ta' l-Att biex tippreciza certi kriterji li ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni ghall-istabilizzar ta' l-ammont tal-kumpens. Jigifieri "it-Tribunal ghandu jqis id-danni reali u telfien li jkun bata l-haddiem li jkun gie mkecci minghajr kawza gusta, kif ukoll cirkustanzi ohra, inkluzi l-eta` u s-snajja tal-haddiem li jistghu jaffettwaw il-potenzjal ta' limpjieg ta' dak il-haddiem";*

*Minn dan hu dezumibbli li l-iffissar ta' l-ammont tal-kumpens hu rimess ghall-arbitriju tat-Tribunal. Arbitriju dan, li hu mistenni wkoll, u dejjem, li jkun wiehed boni viri, bazat fuq apprezzament ekwu skond il-mudell solitu tal-bonus paterfamilias. Tali apprezzament ekwu jimplika gudizzju li jzomm qies tac-cirkostanzi fattwali kollha u rikonciljat ma' l-ezercizzju korrett tal-poteri tat-Tribunal, fl-ambitu wkoll tad-dispost appena accennat".*

L-oneru tal-prova kien fuq ir-rikorrenti. Fl-appell incidentali ssostni li *"damet bla xoghol ghal xi tnax-il xahar meta fl-impjieg mal-appellanti kellha cirka €1,400 fix-xahar."* M'hemmx prova li wara t-terminazzjoni tal-impjieg, damet bla xoghol ghal perjodu ta' tnax-il xahar. Ghar-rigward tat-tezi li l-principal kecca lir-rikorrenti b'abbuz billi uza l-iskuza ta' redundancy, il-likwidazzjoni m'ghandha x'taqsam xejn ma' dan il-fatt.

L-appell incidentali hu michud.

**Ghal dawn il-motivi, tichad kemm l-appell principali kif ukoll l-appell incidentali. Spejjez tal-appell a karigu tas-socjeta appellanti, filwaqt li l-ispejjez tal-appell incidentali huma a karigu tal-appellata.**

Anthony Ellul.

[22] App Nru 8/04.